



Il-Kummissjoni
Ewropea

RAPPORT TAL-2020 DWAR L-ISTAT TAD-DRITT



Settembru 2020

IL-MEKKANIŻMU EWROPEW TAL-ISTAT TAD-DRITT PASS PASS

Jannar-Frar 2020: Jiġi stabbilit in-Network dwar l-Istat tad-Dritt L-Istati Membri jinnominaw il-punti ta' kuntatt dwar l-istat tad-dritt; l-ewwel laqgħa tan-Network dwar l-Istat tad-Dritt.

Mejju 2020: L-Istati Membri u partijiet interessati oħra ippreżentaw kontributi bil-miktub; it-tieni laqgħa tan-Network dwar l-Istat tad-Dritt.

Lulju - Settembru 2020: Il-Kummissjoni tikkompila l-kostatazzjonijiet kollha u ttejjji abbozzi ta' kapitli għal kull pajjiż.



Marzu-Mejju 2020: L-Istati Membri kkonsultati dwar il-metodoloġija u l-kwestjonarju li abbażi tagħhom aktar tard jipprovdu l-kontribut tagħhom.

Mejju-Lulju 2020: Il-Kummissjoni tagħmel żjarat virtwali fil-pajjiżi.

Settembru 2020: L-Istati Membri jirċievu l-abbozz tal-pajjiż tagħhom biex jipprovdu aġġornament dwar il-fatti.

IT-30 TA' SETTEMBRU 2020: IL-KUMMISSJONI TIPPREŻENTA L-EWWEL RAPPORT DWAR L-ISTAT TAD-DRITT, LI JINKLUDI 27 KAPITLI DWAR IL-PAJJIŻI

Fil-ħarifa 2020: Kooperazzjoni interistituzzjonali il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jiddiskutu r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt u l-kapitli tal-pajjiżi tiegħu



Fil-ħarifa 2020: Diskussjoni fil-livell nazzjonali Parlamenti Nazzjonali, awtoritajiet nazzjonali, partijiet interessati u s-soċjetà ċivili mistiedna jiddiskutu r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, inklużi l-kapitli dwar il-pajjiżi.

IL-KUMMISSJONI TIBDA TIPPREPARA R-RAPPORT TAL-2021 DWAR L-ISTAT TAD-DRITT, U TIBBAŻA FUQ L-ESPERJENZA MIKSUBA FL-EWWEL SENA TAT- TĦADDIM TAL-MEKKANIŻMU EWROPEW TAL-ISTAT TAD-DRITT

Metodoloġija

Ir-rapport u s-27 kapitli tal-pajjiżi kienu ppreparati abbażi ta' metodoloġija diskussa mal-Istati Membri kollha.

Kuntatt

In-Network tal-Istati tad-Dritt kien stabbilit biex jgħin fl-istabbiliment ta' qafas ta' kollaborazzjoni u tal-metodoloġija neċċessarja biex jittejjja dan ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt In-network jipprovdi kanal kontinwu ta' komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri

Proċess

Matul il-proċess, il-Kummissjoni rċeviet kontributi mill-Istati Membri kollha u minn aktar minn **200 parti interessata**. Saru aktar min **300 laqgħa virtwali** inkluż mal-Istati Membri, mal-partijiet interesati u mas-soċjetà ċivili.